



*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2022/0164(COD)**

19.10.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Baġits

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (COM(2022)0231 – C9-0183/2022 – 2022/0164(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dan Nica(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Il-kuntest tal-Proposta

Il-gwerra fl-Ukrajna u r-riperkussjoni tagħha fuq l-ekonomiji u c-ċittadini u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri urġenti hija l-ġustifikazzjoni għall-inklużjoni ta' Kapitolu tar-REPowerEU fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u konsegwentement l-inklużjoni ta' dan fil-pjanijiet nazzjonali.

Fid-dawl tal-objettiv tar-REPowerEU li ssir indipendenti fl-enerġija mill-gass mir-Russia sal-2030, il-Kummissjoni talbet lill-ENTSOG biex jivvaluta sa liema punt jeżistu konġestjonijiet fl-infrastruttura fin-network tal-gass Ewropew fkaż li jintemmu l-flussei tal-gass mir-Russia. Il-valutazzjoni turi li se jkun possibbli li jiġi kkumpensat bis-sħiħ it-tmiem tal-importazzjoni jiet tal-gass mir-Russia permezz ta' kombinament ta' tnaqqis fid-domanda kif previst mill-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" tal-Kummissjoni, żieda fil-produzzjoni domestika tal-bijogass u tal-idroġenu mhux fossili b'mod partikolari, u żidiet pjuttost limitati tal-infrastruttura tal-gass lil-hinn minn dak li digħi huwa inkluż fil-5 lista attwali tal-PCIs.

Sabiex jingħalqu l-konġestjonijiet identifikati mill-ENTSOG, il-proposta tal-Kummissjoni hija li toffri mezzi finanzjarji fil-qafas tal-RRF billi tippermetti flessibbiltà akbar għat-trasferiment tar-riżorsi allokati lilhom kemm skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK kif ukoll billi talloka finanzjament mill-irkant tal-kwoti tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ("ETS").

### Proposti ewlenin mir-Rapporteur tal-Kunitat ITRE:

– Objettivi ġenerali u speċifiċi (l-Artikolu 4(1) tal-RRF): L-emenda tal-Artikolu 4(1) tal-RRF eżistenti tiddefinixxi l-objettivi tar-REPowerEU li għandhom l-għan – fil-proposta tar-rapporteur tal-Kunitat ITRE – li jżidu r-reżiljenza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni permezz ta' tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u billi jżidu l-użu tal-enerġija rinnovabbli, l-efficċenza enerġetika u l-kapaċità tal-ħżin u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni. Iż-żieda tad-dimensjoni tas-sostenibbiltà hija essenziali peress li l-użu ta' miżuri tal-enerġija rinnovabbli u tal-efficċenza enerġetika jikkontribwixxi biex is-sistema tal-enerġija tal-Unjoni ssir aktar deċentralizzata, indipendenti u reżiljenti.

#### – Il-Kapitolu tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (l-Artikolu 21(c)):

- Is-sitwazzjoni ta' emerġenza tirrikjedi proċess aċċellerat biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tal-UE u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi. L-użu rapidu ta' miżuri tal-enerġija rinnovabbli u tal-efficċenza enerġetika tista' tikkontribwixxi fil-biċċa l-kbira f'dan ir-rigward. Peress li l-ħżin huwa essenziali għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista, għandu jiġi pprovdut appoġġ xieraq, inkluż dak finanzjarju, biex jiżdied il-ħżin kemm għall-gass kif ukoll għall-elettriku u l-kapaċitajiet ta' rtirar sabiex jiġi żgurat livell oħġla ta' tħejjija u rispons għar-riskji fis-sigurtà tal-provvista tal-gass;
- Fl-opinjoni tiżdied linja speċifika dwar il-bijometan li jippermetti li tintlaħaq il-mira għall-2030. Dan huwa konformi mal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijometan imniedi fil-Komunikazzjoni REPowerEU tat-8 ta' Marzu 2022.

– Definizzjonijiet (l-Artikolu 2 tal-RRF): Ir-rapporteur tal-Kumitat ITRE jipproponi li jiġu inklużi żewġ definizzjonijiet li se jservu għall-fini tal-emendi. Definizzjoni dwar is-"**sigurtà tal-enerġija**" u definizzjoni dwar il-"**faqar enerġetiku**". L-isfidi attwali jirrikjedu definizzjoni usa' u aktar komprensiva tas-sigurtà tal-enerġija li għandha tinkludi l-fluss kostanti tal-enerġija kif ukoll il-protezzjoni tas-sistema kontra fatturi esterni bħat-tibdil fil-klima u t-theddid għaċ-ċibersigurtà jew id-dipendenzi perikolużi fuq l-enerġija. Id-definizzjoni hija bbażata fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-25 ta' Jannar 2021. Peress li r-rapporteur jinkludi rekwiżiti għall-Kummissjoni biex tivvaluta kif il-miżuri deskritti fil-Kapitolo tar-REPowerEU jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-faqar enerġetiku u l-konsumaturi vulnerabbli fis-settur tal-enerġija, qed tiġi proposta definizzjoni tal-"**faqar enerġetiku**" fkonformità mad-definizzjoni maqbula fid-Direttiva dwar l-Effiċċjenza Enerġetika.

– Il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" japplika għall-miżuri kollha fl-ambitu tal-RRF, inklużi l-miżuri tar-REPowerEU. Madankollu, hija prevista eżenzjoni waħda: se tkun possibbli deroga biex jiġu indirizzati l-ħtiġjiet immedjati tal-UE għas-sigurtà tal-enerġija għall-infrastruttura u l-faċilitajiet taż-żejt u tal-gass (biex titnaqqas id-dipendenza mill-fjuwils fossili). Ir-rapporteur tal-Kumitat ITRE jespandi d-deroga għall-enerġija rinnovabbli, l-effiċċjenza enerġetika u l-ħżin. L-użu ta' miżuri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċċjenza enerġetika flimkien ma' żieda fil-kapaċità tal-ħżin jikkontribwixxu wkoll għat-tishħiħ tas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni billi jnaqqsu d-dipendenzi fuq l-enerġija fil-konfront ta' pajiżi terzi u d-dipendenzi fuq il-fjuwils fossili.

#### – Emenda tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istat Membru (l-Artikolu 21 tal-RRF)

Il-gwerra fl-Ukrajna u r-riperkussjonijiet fuq l-ekonomiji u c-ċittadini u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri urġenti huma l-ġustifikazzjoni għall-inklużjoni ta' Kapitolo tar-REPowerEU fl-RRF. Dan għandu jippermetti wkoll, f'każijiet spċifici u ġustifikati ħafna, il-possibbiltà li jiġu emendati l-RRPs eżistenti. Din il-flessibbiltà tista' tippermetti li jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-miżuri eżistenti li jistgħu jiġu allinjati mal-Kapitolo tar-REPowerEU.

– Anness I: Il-proposta tal-Kummissjoni ma tiprovdix lista ta' proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati. Il-proġetti jridu jiġu proposti mill-Istati Membri bl-użu tal-valutazzjoni tal-ENTSOG bħala linji gwida biex jiġu identifikati l-ħtiġjiet. F'dan is-sens l-opinjoni tal-Kumitat ITRE tinkludi fl-Anness I lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' proġetti, ivvalutati mill-ENTSOG. Din il-lista għandha tkun konformi mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, peress li qed tindirizza l-konġestjonijiet eżistenti, billi tevita investimenti mhux meħtieġa fassi mhux rekuperabbli. Il-lista ta' proġetti hija wkoll parti mill-Anness III tal-Komunikazzjoni REPowerEU tat-18 ta' Marzu.

## **EMENDI**

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-lemendi li ġejjin fir-rapport tagħhom:

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 3**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Id-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10-11 ta' Marzu 2022 tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern stiednet lill-Kummissjoni tiproponi sal-aħħar ta' Mejju pjan REPowerEU biex titneħħa gradwalment ddipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi, li sussegwentement ġiet imtennija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta' Marzu 2022. Dan jenħtieġ li jsir ferm qabel l-2030 b'mod li jkun konsistenti mal-Patt Ekoloġiku tal-UE u l-objettivi klimatiċi għall-2030 u l-2050 minquxa fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/241 jiġi emendat biex tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jappoġġa riformi u investimenti ddedikati għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, b'mod partikolari l-fjuwils fossili, biex b'hekk tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa. Jenħtieġ li jingħata wkoll appoġġ għar-riformi u l-investimenti li jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-ekonomiji tal-Istati Membri.

### *Emenda*

(3) Id-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10-11 ta' Marzu 2022 tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern stiednet lill-Kummissjoni tiproponi sal-aħħar ta' Mejju pjan REPowerEU biex titneħħa gradwalment ddipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi, li sussegwentement ġiet imtennija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta' Marzu 2022. Dan jenħtieġ li jsir ferm qabel l-2030 b'mod li jkun konsistenti mal-Patt Ekoloġiku tal-UE u l-objettivi klimatiċi għall-2030 u l-2050 minquxa fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/241 jiġi emendat biex tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jappoġġa riformi u investimenti ddedikati għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, b'mod partikolari l-fjuwils fossili, **kif ukoll biex is-sistema tal-enerġija ssir aktar sigura, għal but ta' kulħadd, aċċessibbli u sostenibbli, b'mod partikolari bl-użu tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u ż-żieda fil-kapaċità tal-hżein tal-enerġija,** biex b'hekk tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa. Jenħtieġ li jingħata wkoll appoġġ għar-riformi u l-investimenti li jżidu l-effiċjenza enerġetika **u l-iffrankar tal-enerġija** tal-ekonomiji tal-Istati Membri **permezz ta' koerenza aħjar mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u r-Regolament dwar l-Ekdisinn għal Prodotti Sostenibbli.**

### **Emenda 2 Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3a) It-tneħħija gradwali tad-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi jenħtieġ li twassal għal tnaqqis tad-dipendenza ġenerali fuq l-enerġija tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-Kapitoli tar-REPowerEU jikkontribwixxu biex tiżdied u tissahħħah l-awtonomija strateġika tal-Unjoni.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 3b (ġdida)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3b) Jenħtieġ li t-taqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili ma jwassalx għal żieda fid-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima minn pajjiżi terzi, għalhekk ir-REPowerEU jenħtieġ li jimmira biex inaqqsas id-dipendenza tal-Unjoni fuq materja prima kritika.*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 4**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) Biex jiġu massimizzati l-komplementarjetà, il-konsistenza u l-koerenza tal-politiki u l-azzjonijiet meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri biex titrawwem l-indipendenza **u s-sigurtà** tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, jenħtieġ li dawn ir-riformi u l-investimenti relatati mal-enerġija jiġu stabbiliti permezz ta' "kapitolu tar-REPowerEU" tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ddedikat għal-hekk.

(4) Biex jiġu massimizzati l-komplementarjetà, il-konsistenza u l-koerenza tal-politiki u l-azzjonijiet meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri biex titrawwem l-indipendenza, **is-sigurtà, l-akċessibbiltà u s-sostenibbiltà** tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, jenħtieġ li dawn ir-riformi u l-investimenti relatati mal-enerġija jiġu stabbiliti permezz ta' "kapitolu tar-REPowerEU" tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ddedikat għal-hekk.

hekk.

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 5**

##### *Test propos mill-Kummissjoni*

(5) Sabiex jiġi massimizzat il-kamp ta' applikazzjoni tar-rispons tal-Unjoni, l-Istati Membri kollha li jippreżentaw pjan għall-irkupru u r-reżiljenza wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu obbligati jinkludu kapitolu tar-REPowerEU fil-pjan tagħhom. Jenħtieġ li dan ir-rekwiżit japplika, b'mod partikolari, għall-pjanijiet riveduti ppreżentati mill-Istati Membri mit-30 ta' Ġunju 2022 biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aċċornata.

##### *Emenda*

(5) Sabiex jiġi massimizzat il-kamp ta' applikazzjoni tar-rispons tal-Unjoni, l-Istati Membri kollha li jippreżentaw pjan għall-irkupru u r-reżiljenza wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu obbligati jinkludu kapitolu tar-REPowerEU fil-pjan tagħhom. **L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jabbozzaw Kapitolu tar-REPowerEU qabel ma jippreżentaw pjan rivedut għall-irkupru u r-reżiljenza u jirċievu assistenza biex iwettqu dak il-kompli. Jenħtieġ li dan ir-rekwiżit japplika, b'mod partikolari, għall-pjanijiet riveduti ppreżentati mill-Istati Membri mit-30 ta' Ġunju 2022 biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aċċornata.**

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 6**

##### *Test propos mill-Kummissjoni*

(6) Jenħtieġ li l-Kapitolu tar-REPowerEU jkun jinkludi riformi u investimenti ġodda li jikkontribwixxu għall-għanijiet tar-REPowerEU. Barra minn hekk, jenħtieġ li dak il-kapitolu jkun fih deskrizzjoni ta' miżuri oħrajin, iffinanzjati minn sorsi li mhumiex il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jikkontribwixxu għall-objettivi relatati mal-enerġija deskritti fil-Premessa (3). Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tkopri miżuri li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir bejn l-1 ta' Frar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2026, il-perjodu li matulu

##### *Emenda*

(6) Jenħtieġ li l-Kapitolu tar-REPowerEU jkun jinkludi riformi u investimenti ġodda li jikkontribwixxu għall-għanijiet tar-REPowerEU **u jindirizzaw l-effett tal-kriżi kkawżata mill-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.** Barra minn hekk, jenħtieġ li dak il-kapitolu jkun fih deskrizzjoni ta' miżuri oħrajin, iffinanzjati minn sorsi li mhumiex il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jikkontribwixxu għall-objettivi relatati mal-enerġija deskritti fil-Premessa (3). Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tkopri miżuri li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir bejn l-1 ta' Frar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2026, il-perjodu li matulu

għandhom jintlaħqu l-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-infrastruttura tal-gass naturali, biex jiddiversifikaw il-provvista lil hinn mir-Russja, jenħtieġ li l-investimenti u r-riformi tal-Kapitoli tar-REPowerEU, meta jkun rilevanti, jibnu fuq il-bżonnijiet identifikati attwalment permezz tal-valutazzjoni mwettqa u maqbula min-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (European Network of Transmission System Operators for Gas, ENTSOG), stabbiliti fl-ispirtu ta' solidarjetà fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u jqisu l-miżuri ta' tħejjija msaħħa meħuda biex ikun hemm adattament għal theddid ġeopolitiku ġdid. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Kapitoli tar-REPowerEU jipprovdu spjegazzjoni u kwantifikazzjoni tal-effetti tal-kombinazzjoni tar-riformi u l-investimenti ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-miżuri l-oħrajn iffinanzjati minn sorsi li mhumiekk il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

bejn l-1 ta' Frar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2026, il-perjodu li matulu għandhom jintlaħqu l-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament. ***Huwa essenzjali li jiżdiedu malajr l-investimenti fil-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, bħall-użu ta' soluzzjonijiet tat-tisħin u tat-tkessiħ sostenibbli u effiċjenti, li jindikaw mod sostenibbli u effettiv biex jiġu indirizzati wħud mill-aktar sfidi urgħenti tal-provvista tal-enerġija u tal-kost tal-enerġija, kif ukoll biex jiġu sostnuti l-konsumaturi foqra fl-enerġija u vulnerabbi.*** Fir-rigward tal-infrastruttura tal-gass naturali, biex jiddiversifikaw il-provvista lil hinn mir-Russja, jenħtieġ li l-investimenti u r-riformi tal-Kapitoli tar-REPowerEU, meta jkun rilevanti, jibnu fuq il-bżonnijiet identifikati attwalment permezz tal-valutazzjoni mwettqa u maqbula min-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (European Network of Transmission System Operators for Gas, ENTSOG), stabbiliti fl-ispirtu ta' solidarjetà fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u jqisu l-miżuri ta' tħejjija msaħħa, ***inkluż il-ħżin tal-gass, meħuda biex ikun hemm adattament għal theddid ġeopolitiku ġdid, kif ukoll biex ikun hemm input fuq il-perjodu twil lejn it-tranżizzjoni ekoloġika li tkun lesta għall-idroġenu. Barra minn hekk, jista' jiġi żgurat appoġġ addizzjonal permezz ta' rakkomandazzjonijiet komplementari għal proġetti transfruntiera u transnazzjonali possibbli li jagħtu valur miżjud tal-Unjoni. Jenħtieġ li tkun inkluża lista mhux eżawrjenti indikattiva bi proġetti identifikati għall-infrastrutturi tal-gass naturali fl-Anness Ia għar-Regolament (UE) 2021/241.*** Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Kapitoli tar-REPowerEU jipprovdu spjegazzjoni u kwantifikazzjoni tal-effetti tal-kombinazzjoni tar-riformi u l-investimenti ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-miżuri l-oħrajn iffinanzjati minn sorsi li mhumiekk il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

**Emenda 7**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Jenħtieġ li jiżdied kriterju ta' valutazzjoni xieraq biex iservi bħala bażi għall-Kummissjoni biex tivvaluta r-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU u biex tiżgura li r-riformi u l-investimenti jkunu adatti biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi relatati mar-REPowerEU. Jenħtieġ li tkun meħtieġa klassifikazzjoni A skont dan il-kriterju ta' valutazzjoni l-ġdid għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza rilevanti biex jiġi vvalutat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni.

*Emenda*

(7) Jenħtieġ li jiżdied kriterji ta' valutazzjoni xierqa ***u teknoloġikament neutrali*** biex iservi bħala bażi għall-Kummissjoni biex tivvaluta r-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU u biex tiżgura li r-riformi u l-investimenti jkunu adatti biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi relatati mar-REPowerEU, ***b'enfasi speċjali fuq il-kapaċitajiet ta' ħżin tal-enerġija***. Jenħtieġ li tkun meħtieġa klassifikazzjoni A skont dan il-kriterju ta' valutazzjoni l-ġdid għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza rilevanti biex jiġi vvalutat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni.

**Emenda 8**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) L-investimenti fl-infrastruttura u t-teknoloġiji waħedhom mhumixx biżżejjed biex jiżguraw tnaqqis tad-dipendenza mill-fjuwils fossili. Jenħtieġ li r-riżorsi jkunu ddedikati għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tan-nies, biex il-forza tax-xogħol tīgħi mgħammra ulterjorment b'ħiliet ***ekoloġiċi***. Dan huwa konformi mal-objettiv tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, li għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri fil-kisba ta' forza tax-xogħol ta' ħila u reżiljenti li tkun lesta għad-din ja tax-xogħol futura. Fid-dawl ta' hekk, ir-riżorsi trasferiti mill-Fond Soċjali Ewropew Plus jenħtieġ li jgħinu biex jappoġġaw miżuri għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-miżuri inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU

*Emenda*

(8) L-investimenti fl-infrastruttura u t-teknoloġiji waħedhom mhumixx biżżejjed biex jiżguraw tnaqqis tad-dipendenza mill-fjuwils fossili. ***Minħabba l-kriżi attwali, din tiżvela l-ħtieġa kritika ta' professjonisti kwalifikati fis-setturi tal-enerġija***. Jenħtieġ li r-riżorsi jkunu ddedikati għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tan-nies, biex il-forza tax-xogħol tīgħi mgħammra ulterjorment b'ħiliet ***ta' tranżizzjoni enerġetika***. Dan huwa konformi mal-objettiv tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, li għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri fil-kisba ta' forza tax-xogħol ta' ħila u reżiljenti li tkun lesta għad-din ja tax-xogħol futura. Fid-dawl ta' hekk, ir-riżorsi trasferiti mill-Fond Soċjali Ewropew Plus jenħtieġ li jgħinu

jikkontribwux b'mod sinifikanti għall-appoġġ ta' rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn ***ħiliet ekoloġiċi***.

biex jappoġġaw miżuri għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-miżuri inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU jikkontribwux b'mod sinifikanti għall-appoġġ ta' rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn ***it-tranżizzjoni enerġetika***.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Premessa 10

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu tar-REPowerEU, jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati fir-rakkmandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, jew subsett sinifikanti minnhom, inklużi r-rakkmandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jridu jiġu adottati skont iċ-ċiklu tas-Semestru 2022 li jirreferu, fost l-oħrajn, għall-isfidi tal-enerġija li qed jiffaċċaw l-Istati Membri.

##### *Emenda*

(10) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu tar-REPowerEU, jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati fir-rakkmandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, jew subsett sinifikanti minnhom, ***b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifiċitajiet tat-taħlit enerġetiku ta' kull Stat Membru*** inklużi r-rakkmandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jridu jiġu adottati skont iċ-ċiklu tas-Semestru 2022 li jirreferu, fost l-oħrajn, għall-isfidi tal-enerġija li qed jiffaċċaw l-Istati Membri.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Premessa 12

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Skont l-Artikolu 18(4)(q) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll ***sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajin, inkluż, kif rilevanti, mis-settut agrikolu, għar-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU***. Jenħtieġ li dawn ***is-sommarji*** jiispiegaw l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet u jiddeskrivu kif il-

##### *Emenda*

(12) Skont l-Artikolu 18(4)(q) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll ***rapport tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajin, inkluż, kif rilevanti, mis-settut agrikolu, għar-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU***. Jenħtieġ li dawn ***ir-rapporti*** jiispiegaw l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet u jiddeskrivu kif il-

kontribut irċevut ġie rifless fil-Kapitoli tar-REPowerEU.

kontribut irċevut ***matul dawn il-konsultazzjonijiet*** ġie rifless fil-Kapitoli tar-REPowerEU u ***kif alternattivi sostenibbli għall-bini ta' infrastruttura tal-fjuwils fossili*** għiet prioritizzata.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Premessa 13

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) L-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-investimenti u r-riformi mwettqin bħala parti mill-irkupru mill-pandemija jiġu implementati b'mod sostenibbli. Jenħtieġ li tkompli tapplika għar-riformi u l-investimenti appoġġati mill-Faċilità, ***b'eżenzjoni mmirata waħda bieq*** jiġi ssalvagwardjat it-tħassib immedjat tal-UE dwar is-sigurtà tal-enerġija. Meta jitqies l-objettiv tad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija lil hinn mill-fornituri Russi, jenħtieġ li r-riformi u l-investimenti stabbiliti f'dawk il-Kapitoli tar-REPowerEU li għandhom l-għan li jtejbu l-infrastruttura u l-faċilitajiet tal-enerġija biex jissodisfaw il-ħtiġijet immedjati tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt u tal-gass ma jkunux obbligati jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u għalhekk jenħtieġ li jiġu eżentati minn tali valutazzjoni.

##### *Emenda*

(13) L-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-investimenti u r-riformi mwettqin bħala parti mill-irkupru mill-pandemija jiġu implementati b'mod sostenibbli. Jenħtieġ li tkompli tapplika għar-riformi u l-investimenti appoġġati mill-Faċilità, ***bl-eżenzjoni li jiġi ssalvagwardjat it-tħassib immedjat tal-UE*** dwar is-sigurtà tal-enerġija. Meta jitqies l-objettiv tad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija lil hinn mill-fornituri Russi, ***u bieq is-sistema tal-enerġija ssir aktar sostenibbli u sigura***, jenħtieġ li r-riformi u l-investimenti stabbiliti f'dawk il-Kapitoli tar-REPowerEU li għandhom l-għan li jtejbu l-infrastruttura ***tal-enerġija u jiżguraw li l-infrastruttura hija lesta għall-idrogeġnu***, u l-faċilitajiet tal-enerġija biex jissodisfaw il-ħtiġijet immedjati tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt u tal-gass, ***kif ukoll riformi, investimenti u miżuri li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-użu ta' sorsi rinnovabbli tal-enerġija u effiċjenza enerġetika u jżidu l-kapaċitā tal-ħżin tal-enerġija, jenħtieġ li*** ma jkunux obbligati jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u għalhekk jenħtieġ li jiġu eżentati minn tali valutazzjoni. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiispiegaw kif il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU u sa liema punt tali miżuri jistgħu jxekklu l-kisba tal-objettivi ambjentali tal-Unjoni. Minbarra li jikkontribwixxu għall-kisba tan-***

*newtralità klimatika, il-miżuri li jikkonċernaw l-enerġija rinnovabbi, il-ħżin u l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika huma essenziali għall-promozzjoni ta' sistema tal-enerġija aktar awtonoma u, min-naħa l-oħra, biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni.*

**Emenda 12**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Jenħtieġ li jiġu pprovduti aktar incēntivi għall-Istati Membri biex jitolbu self, permezz **tal-kjarifika** tal-proċedura tal-allokazzjoni tas-self. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241, l-Istati Membri jistgħu jitolbu self sal-31 ta' Awwissu 2023. Jenħtieġ li l-intenzjoni li tīġi ppreżentata talba għal self tīġi kkomunikata lill-Kummissjoni 30 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex ir-ridistribuzzjoni tal-fondi li jifdal tkun tista' titwettaq b'mod ordnat.

*Emenda*

(14) Jenħtieġ li jiġu pprovduti aktar incēntivi għall-Istati Membri biex jitolbu self, permezz tal-proċedura tal-allokazzjoni tas-self **rapida, aċċessibbli u mingħajr xkiel filwaqt li jiżguraw konformità mal-prinċipji ta' trattament ugwali, proporzjonalità, solidarjetà u trasparenza**. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241, l-Istati Membri jistgħu jitolbu self sal-31 ta' Awwissu 2023. Jenħtieġ li l-intenzjoni li tīġi ppreżentata talba għal self tīġi kkomunikata lill-Kummissjoni 30 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex ir-ridistribuzzjoni tal-fondi li jifdal tkun tista' titwettaq b'mod ordnat. **Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi tar-RepowerEU jiġu implimentati b'mod koerenti u sħiħ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi proċeduri għall-Istati Membri li jkunu laħqu l-pakkett massimu ta' self. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' wkoll tagħti appoġġ tekniku lill-Istati Membri għal implimentazzjoni aktar rapida u mmirata.**

**Emenda 13**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni**

*tippreżenta lill-Parlament Ewropew ħarsa ġenerali tal-proġetti u tal-proposti ta' self imressqa mill-Istati Membri u tad-distribuzzjoni ssuġġerita tal-fondi.*

**Emenda 14**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Barra minn hekk, biex jiġi incəntivat livell għoli ta' ambizzjoni għarr-riformi u l-investimenti li jridu jiġu inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU, jenħtieġ li jiġu pprovduti sorsi ta' finanzjament dedikati ġodda.

*Emenda*

(15) Barra minn hekk, biex jiġi incəntivat livell għoli ta' ambizzjoni għarr-riformi u l-investimenti li jridu jiġu inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU, jenħtieġ li jiġu pprovduti sorsi ta' finanzjament dedikati ġodda *biex jiġi żgurat użu aħjar u aktar effettiv tas-self tal-Istati Membri, kif ukoll mobilizzazzjoni aktar effiċċenti u flessibbli tal-fondi eżistenti.*

**Emenda 15**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 21**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tar-REPowerEU, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/241.

*Emenda*

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tar-REPowerEU, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/241.  
*B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta kif il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u l-kapitoli tar-REPowerEU tagħhom jikkontribwixxu għal konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq u jagħtu priorità lill-konsumaturi foqra fl-enerġija u vulnerabbli, filwaqt li jitqiesu wkoll l-inugwaljanzi soċjali u reġjonali.*

**Emenda 16**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 22**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(22) L-avvenimenti ġeopolitiċi reċenti affettaww il-prezzijiet tal-enerġija u tal-materjali tal-kostruzzjoni u kkawżaw ukoll nuqqasijiet fil-ktajjen tal-provvista globali. Dawn l-iżviluppi jista' jkollhom impatt dirett fuq il-kapaċità li jiġu implementati xi investimenti inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu invokati bħala ċirkostanzi oġġettivi skont l-Artikolu 21 sal-punt li l-Istati Membri jkunu jistgħu juru li żviluppi ta' dan it-tip iwasslu biex stadji importanti jew miri speċifiċi ma jibqħux jistgħu jintlaħqu. Dawn l-iżviluppi ma jistgħux jikkostitwixxu ċirkostanzi oġġettivi għar-reviżjoni tar-riformi, peress li r-riformi ġeneralment ma jiddependux mill-kostijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ebda talba għal emendi ma timmina l-implementazzjoni ġenerali tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

*Emenda*

(22) L-avvenimenti ġeopolitiċi reċenti affettaww il-prezzijiet ***tal-komoditajiet, inklużi*** tal-enerġija u tal-materjali tal-kostruzzjoni u kkawżaw ukoll nuqqasijiet fil-ktajjen tal-provvista globali. Dawn l-iżviluppi jista' jkollhom impatt dirett fuq il-kapaċità li jiġu implementati xi investimenti inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu invokati bħala ċirkostanzi oġġettivi skont l-Artikolu 21 sal-punt li l-Istati Membri jkunu jistgħu juru li żviluppi ta' dan it-tip, ***minħabba l-aggressjoni militari Russa kontra l-Urajna***, iwasslu biex stadji importanti jew miri speċifiċi ma jibqħux jistgħu jintlaħqu. Dawn l-iżviluppi ma jistgħux jikkostitwixxu ċirkostanzi oġġettivi għar-reviżjoni tar-riformi, peress li r-riformi ġeneralment ma jiddependux mill-kostijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ebda talba għal emendi ma timmina l-implementazzjoni ġenerali tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

**Emenda 17**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)**  
Regolament (UE) 2021/241  
Artikolu 2 – punt 1a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(-1) Fl-Artikolu 2, jiddahħhal il-punt li ġej:**

**"(1a) "sigurtà tal-enerġija" tfisser id-disponibbiltà kontinwa u mingħajr interruzzjoni tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà teknika li tista' tinkiseb billi jiżziedu l-effiċjenza u l-interoperabbilità tan-networks ta'**

*trażmissjoni u distribuzzjoni, tiġi promossa l-flessibbiltà tas-sistema, jiġu evitati l-konġestjonijiet, jiġu żgurati ktajjen tal-provvista reżiljenti, iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni u l-adattament għall-klima tal-infrastruttura kollha, b'mod partikolari dik kritika filwaqt li jitnaqqsu d-dipendenzi fuq l-enerġija;*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 2 – punt 1b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1b) "faqar enerġetiku" tfisser l-inabbiltà, relatata man-nuqqas ta' affordabbiltà, ta' unità domestika li tissodisfa l-ħtiġjiet bażiċi tal-provvista tal-enerġija tagħha u n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi essenzjali tal-enerġija biex jiġu żgurati livelli bażiċi ta' kumdità u saħħa, standard tal-għajxien u tas-saħħa deċenti, inklużi tisħin, misħun, tkessiħ, tidwil, u enerġija adegwati biex jitħaddmu l-apparati, fil-kuntest nazzjonali rilevanti, u fil-politika soċjali eżistenti u f'politiki rilevanti oħra, ikkawżati minn fattur wieħed jew minn kombinament tal-fatturi li ġejjin: dħul disponibbli insuffiċjenti, infiq għoli għall-enerġija u effiċjenza enerġetika fqira tad-djar;*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. F'konformità mas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-koerenza u s-sinerġiji li jiġġeneraw, u fil-kuntest tal-kiżi tal-

1. F'konformità mas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-koerenza u s-sinerġiji li jiġġeneraw, u fil-kuntest tal-kiżi tal-

COVID-19, l-objettiv ġenerali tal-Faċilità għandu jkun li tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżijiet, il-kapaċită ta' aġġustament u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Istati Membri, billi ttaffi l-impatt soċjali u ekonomiku ta' dik il-kiżi, b'mod partikolari fuq in-nisa, billi tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, billi tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika, billi tikkontribwixxi għall-ksib tal-miri klimatiċi tal-2030 tal-Unjoni stabbiliti fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999, billi tikkonforma mal-objettiv ta' newtralità klimatika tal-UE sal-2050, u tat-tranżizzjoni diġitali, billi żżid ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija permezz ta' tnaqqis fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni ("l-objettivi tar-REPowerEU") u b'hekk tikkontribwixxi għall-konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq, għall-ksib mill-ġdid u l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u l-integrazzjoni tal-ekonomiji tal-Unjoni, it-trawwim tal-ħolqien tal-impjieg b'livell għoli ta' kwalità, u tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa, u tiġġenera valur miżjud Ewropew.

COVID-19, l-objettiv ġenerali tal-Faċilità għandu jkun li tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżijiet, il-kapaċită ta' aġġustament u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Istati Membri, billi ttaffi l-impatt soċjali u ekonomiku ta' dik il-kiżi, b'mod partikolari fuq in-nisa, **gruppi vulnerabbi u intrapriżi ta' daqs medju** billi tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, billi tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika, billi tikkontribwixxi għall-ksib tal-miri klimatiċi tal-2030 tal-Unjoni stabbiliti fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999, **l-miri tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030 stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika** billi tikkonforma mal-objettiv ta' newtralità klimatika tal-UE sal-2050, u tat-tranżizzjoni diġitali, billi żżid ir-reżiljenza, **is-sigurtà u s-sostenibbiltà** tas-sistema tal-enerġija permezz ta' tnaqqis **sinifikanti** fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili **u permezz taż-żieda fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, effiċjenza enerġetika u kapaċità tal-hżein tal-enerġija**, u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni ("l-objettivi tar-REPowerEU") u b'hekk tikkontribwixxi għall-konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq, għall-ksib mill-ġdid u l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli **kompatibbli mal-Patt Ekoloġiku Ewropew** u l-integrazzjoni tal-ekonomiji tal-Unjoni, it-trawwim tal-ħolqien tal-impjieg b'livell għoli ta' kwalità, u tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa, u tiġġenera valur miżjud Ewropew.

**Emenda 20**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Regolament (UE) 2021/241  
Artikolu 18 – paragrafu 4 – punt q

*Test propost mill-Kummissjoni*

(q) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implementazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, **sommarju** tal-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq skont il-qafas legali nazzjonali, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u kif l-input tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; b'mod partikolari, **is-sommarju tal-proċess** ta' konsultazzjoni għandu jispjega l-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU u jiddeskrivi kif il-kontribut irċevut ġie rifless fil-Kapitolu tar-REPowerEU;

*Emenda*

(q) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implementazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, **rapport** tal-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq skont il-qafas legali nazzjonali, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u kif l-input tal-partijiet ikkonċernati huwa rifless fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; b'mod partikolari, **ir-rapport dwar il-proċess** ta' konsultazzjoni għandu jispjega **l-iskedta ta' żmien u** l-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra **bħal esperti u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili** dwar ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU u jiddeskrivi kif il-kontribut irċevut ġie rifless fil-Kapitolu tar-REPowerEU;”

**Emenda 21**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**  
Regolament (UE) 2021/241  
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt da

*Test propost mill-Kummissjoni*

(da) jekk ir-riformi u l-investimenti msemmijin fl-Artikolu 21c(1) jikkontribwux b'mod effettiv għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni **jew** għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.;

*Emenda*

(da) jekk ir-riformi u l-investimenti msemmijin fl-Artikolu 21c(1) jikkontribwux b'mod effettiv **għas-sigurtà enerġetika**, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, **għaż-żieda tal-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija** jew għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030, **lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 inkluż l-effiċċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli u lejn l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni;**

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġidid)**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21 – paragrafu 1

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

**(4a) Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 1  
jinbidel b'dan li ġej:**

1. Jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, **inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti**, ma jkunux għadhom jistgħu jinkisbu, la totalment u lanqas parzialment, mill-Istat Membru kkonċernat minħabba ċirkostanzi oġġettivi, l-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta talba motivata lill-Kummissjoni biex **tagħmel** proposta biex jiġu emendati jew sostitwiti d-deċiżjonijiet ta' implantazzjoni tal-Kunsill imsemmijin fl-Artikolu 20(1) u (3). Għal dak l-għan, l-Istat Membru jista' jipproponi pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat jew ġidid. L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ tekniku għat-tħejjija ta' tali proposta fil-qafas tal-Instrument ta' Appoġġ Tekniku.

"1. Jekk **ċerti stadji u miri importanti mill-pjan** għall-irkupru u r-reżiljenza **m'għadhomx** jistgħu jinkisbu, la totalment u lanqas parzialment, mill-Istat Membru kkonċernat minħabba ċirkostanzi oġġettivi, **inkluża l-kriżi kkawżata mill-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna jew, fejn investimenti u riformi ġodda huma rilevanti biex jiġi għieldu l-effetti tal-kriżi tal-Ukrajna**, l-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta talba motivata lill-Kummissjoni biex **tadotta** proposta biex jiġu emendati jew sostitwiti d-deċiżjonijiet ta' implantazzjoni tal-Kunsill imsemmijin fl-Artikolu 20(1) u (3). Għal dak l-għan, dak l-Istat Membru jista' jipproponi pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat jew ġidid. L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ tekniku għat-tħejjija ta' tali proposta fil-qafas tal-Instrument ta' Appoġġ Tekniku."

## **Emenda 23**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21a – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) EUR 20 000 000 000 fi prezziżjet attwali għandhom ikunu disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 10e(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-implimentazzjoni skont dan ir-Regolament

*Emenda*

(1) EUR 20 000 000 000 fi prezziżjet attwali għandhom ikunu disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 10e(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-implimentazzjoni skont dan ir-Regolament

biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni permezz ta' tnaqqis fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni. Dak l-ammont għandu jkun disponibbli fil-forma ta' dħul assenjat estern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

biex tiżdied ir-reżiljenza, *is-sigurtà u ssostenibbiltà kif ukoll l-affordabbiltà* tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni permezz ta' tnaqqis *sinifikanti* fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, *żieda fil-kapaċitajiet ta' ħżin tal-enerġija* fil-livell tal-Unjoni u *billi tingħata spinta lill-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabqli*. Dak l-ammont għandu jkun disponibbli fil-forma ta' dħul assenjat estern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

#### Emenda 24

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21a – paragrafu 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Kull Stat Membru jista' jippreżenta talba lill-Kummissjoni għall-allokazzjoni ta' ammont li ma jaqbiżx is-sehem tiegħu, billi jinkludi fil-pjan tiegħu r-riformi u l-investimenti deskritti fl-Artikolu 21c(1) u jindika l-istima tal-kostijiet tagħhom.

##### *Emenda*

(5) Kull Stat Membru jista' jippreżenta talba lill-Kummissjoni għall-allokazzjoni ta' ammont li ma jaqbiżx is-sehem tiegħu, billi jinkludi fil-pjan tiegħu *l-impenn tiegħu għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050*, ir-riformi u l-investimenti deskritti fl-Artikolu 21c(1) u jindika l-istima tal-kostijiet tagħhom.

#### Emenda 25

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) itejjeb l-infrastruttura u l-faċilitajiet tal-enerġija biex jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt u tal-gass, b'mod partikolari biex tkun permessa d-diversifikazzjoni tal-provvista fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi,

##### *Emenda*

(a) itejjeb l-infrastruttura u l-faċilitajiet tal-enerġija biex jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt u tal-gass, b'mod partikolari biex *titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili u l-importazzjonijiet ġenerali tal-enerġija kif ukoll jitnaqqsu l-*

*vulnerabbiltajiet matul l-eqreb staġuni tax-xitwa tal-2022 u l-2023, biex tkun permessa d-diversifikazzjoni tal-provvista u l-introduzzjoni rapida tal-enerġija rinnovabbli fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi, inkluż billi tiġi aġġornata l-grilja tal-enerġija biex tkun tista' tiżdied l-enerġija rinnovabbli u billi jiġi żgurat li l-infrastrutturi rilevanti jkunu lesti għall-idroġenu;*

## Emenda 26

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) isahħħaħ l-effiċjenza enerġetika fil-bini, jiddekarbonizza l-industrija, iżid il-produzzjoni u l-użu **ta' bijometan sostenibbli u l-idroġenu** rinnovabbli jew **mhux fossili** u jżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli,

#### *Emenda*

(b) isahħħaħ l-effiċjenza enerġetika fil-bini **u l-ifrankar tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq il-post**, jiddekarbonizza l-industrija, **iżid il-kapaċità tal-ħżin**, iżid il-produzzjoni u l-użu **tal-idroġenu** rinnovabbli **u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju** u jżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli **u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi kollha identifikati fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, bi priorità adegwata għall-ħtieġa tal-konsumaturi foqra fl-enerġija u vulnerabbli;**

## Emenda 27

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(ba) jagħti spinta lill-produzzjoni ta' sorsi tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-Unjoni;**

## **Emenda 28**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt bb (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bb) iżid il-produzzjoni u l-użu ta' bijometan sostenibbli biex jintlaħaq l-objettiv ta' produzzjoni ta' 35 bcm sal-2030;*

## **Emenda 29**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) jindirizza l-konġestjonijiet interni u transfruntieri fit-trażmissjoni tal-enerġija u jappoġġa t-trasport b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji,

*(c) jindirizza l-konġestjonijiet interni u transfruntieri **fl-interkonnnetturi u** fit-trażmissjoni tal-enerġija, **fejn xieraq, kif identifikat fl-Anness Ia** u jappoġġa t-trasport b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji,*

## **Emenda 30**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt ca (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) jappoġġa miżuri ta' frontloading biex jiġi implementat bis-sħiħ il-qafas attwali tal-effiċċenza enerġetika permezz tal-bini tal-kapaċità u l-appoġġ finanzjarju, inkluż billi jittejbu l-għodod eżistenti tal-iffrankar tal-enerġija;*

### **Emenda 31**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(cb) jinċentiva miziuri tal-effiċjenza enerġetika billi jalloka appoġġ immirat għall-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għad-deċiżjonijiet kollha ta' investiment inkluż fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, b'mod partikolari l-bini, inkluż fis-setturi tat-tisħin u tat-tkessiħ bil-għan ta' bidliet strutturali lejn tranżizzjoni enerġetika ġusta u ekonomikament aċċessibbli;*

### **Emenda 32**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(d) jappoġġa l-objettivi **fil-punti (a), (b) u (c)** permezz ta' rikwalifikazzjoni aċċellerata tal-forza tax-xogħol lejn **hili et-ekoloġiċi, kif ukoll appoġġ għall-ktajjen tal-valur f'materjali u teknoloġiji ewlenin marbutin mat-tranżizzjoni** ekoloġika.*

*(d) jappoġġa l-objettivi **f'dan il-paragrafu** permezz ta' rikwalifikazzjoni aċċellerata tal-forza tax-xogħol lejn **it-tranżizzjoni** ekoloġika.*

### **Emenda 33**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 1 – punt da

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) l-appoġġ għall-ktajjen tal-valur f'materjali u teknoloġiji ewlenin marbuta mat-tranżizzjoni enerġetika, it-twessiġħ tal-użu ta' materjali u prodotti tal-*

*kostruzzjoni sostenibbli u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-materja prima kritika primarja.*

#### **Emenda 34**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) spjegazzjoni dwar kif il-kombinazzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1 u l-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu hija koerenti, effettiva u mistennija li tikkontribwixxi għall-objettivi tar-REPowerEU, ***inkluża*** kwantifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija.

*Emenda*

(c) spjegazzjoni dwar kif il-kombinazzjoni tal-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1 u l-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu hija koerenti, effettiva u mistennija li tikkontribwixxi għall-objettivi tar-REPowerEU, ***inklużi l-miri tal-Unjoni għall-effiċċenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli għall-2030, il-mira għall-ħżin tal-gass u l-kontribut għall-ħżin tal-elettriċi kif ukoll*** kwantifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija ***fis-setturi differenti bħall-bini, l-industrija u t-trasport;***

#### **Emenda 35**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) spjegazzjoni dwar kif il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 se jikkontribwixxu f'li jindirizzaw il-faqar enerġetiku u jappoġġaw lill-konsumaturi vulnerabbi.***

#### **Emenda 36**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21c – paragrafu 4

*Test propos mill-Kummissjoni*

(4) B'deroga mill-Artikoli 5(2), 17(4), 18(4)(d) u 19(3)(d), il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 ma għandux jaapplika għar-riformi u l-investimenti li mistennijin jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU skont il-paragrafu **1(a)** ta' dan l-Artikolu.

*Emenda*

(4) B'deroga mill-Artikoli 5(2), 17(4), 18(4)(d) u 19(3)(d), il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 ma għandux jaapplika għar-riformi u l-investimenti li mistennijin jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU skont il-paragrafu **1** ta' dan l-Artikolu. ***Ir-REPowerEU għandu jinkludi spjegazzjoni li tgħid għaliex il-miżuri mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU skont il-paragrafu **1** ta' dan l-Artikolu huma l-aktar adegwati biex jintla ħaq dawk l-objettivi u, meta rilevanti, kif u sa liema punt il-miżuri jistgħu jxekklu l-kisba tal-objettivi ambjentali tal-Unjoni.***

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21d – paragrafu 1

*Test propos mill-Kummissjoni*

(1) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tar-REPowerEU.

*Emenda*

(1) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri deskritti fil-Kapitolu tar-REPowerEU u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tar-REPowerEU, ***inklużi l-miri tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġētika u l-enerġija rinnovabbli għall-2030, il-mira għall-ħżin tal-gass u l-kontribut għall-ħżin tal-elettriku kif ukoll kwantifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija fis-setturi differenti bħall-bini, l-industrija u t-trasport.***

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2021/241

Artikolu 21d – paragrafu 1a (ġdid)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif il-miżuri deskritt fil-Kapitolu tar-REPowerEU prioritizzaw lill-appoġġ għall-konsumaturi foqra fl-enerġija u vulnerabbli u kif jindirizzaw il-faqar enerġetiku.*

### **Emenda 39**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Anness I – paragrafu 1 – punt a**

Regolament (UE) 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagrafu 1

*Test proposet mill-Kummissjoni*

Il-miżuri msemmijin fl-Artikolu 21c (1) u (2) mistennija jikkontribwixxu b'mod effettiv lejn is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għall-Unjoni kollha, partikolarmen permezz ta' diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija jew tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

*Emenda*

Il-miżuri msemmijin fl-Artikolu 21c (1) u (2) mistennija jikkontribwixxu b'mod effettiv lejn is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għall-Unjoni kollha, partikolarmen permezz ta' diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija jew tnaqqis *sinifikanti* tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030, *lejn iż-żieda fil-kapaċitajiet ta' ħżin jew għall-objettivi tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċċenza enerġetika għall-2030. B'mod partikolari, il-miri għall-ħżin tal-enerġija se jippermettu lill-Unjoni ssir indipendent mill-impjanti tal-enerġija tal-gass, li bħalissa qed jintużaw f'każ ta' nuqqas ta' enerġija rinnovabbli.*

### **Emenda 40**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Anness I – paragrafu 1 – punt a**

Regolament 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagrafu 2 – inċiż 1

*Test proposet mill-Kummissjoni*

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-infrastruttura u l-

*Emenda*

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-infrastruttura u l-

faċilitajiet tal-enerġija biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista għaż-żejt u l-gass, b'mod partikolari biex tippermetti d-diversifikazzjoni tal-provvista fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi,

faċilitajiet tal-enerġija biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati **u temporanji** tas-sigurtà tal-provvista għaż-żejt u l-gass, b'mod partikolari biex **titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ġenerali tal-enerġija kif ukoll jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet, biex tippermetti d-diversifikazzjoni tal-provvista **u l-adozzjoni rapida tal-enerġija rinnovabbi** fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi, **inklu billi tiġi aġġornata l-grilja tal-enerġija biex tkun tista' tiżdied l-enerġija rinnovabbi u billi jiġi żgurat li l-infrastrutturi rilevanti jkunu lesti għall-idroġenu;****

#### Emenda 41

##### Proposta għal regolament

##### Anness I – paragrafu 1 – punt a

Regolament (UE) 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagrafu 2 – inċiż 2

##### Test propost mill-Kummissjoni

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tagħti spinta lill-effiċċjenza enerġetika fil-bini, tiddekarbonizza l-industrija, iż-żid **il-produzzjoni u l-użu ta'bijometan sostenibbli u idroġenu rinnovabbi jew mhux fossili** u żżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbi,

##### Emenda

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tagħti spinta lill-effiċċjenza enerġetika fil-bini **u t-tfaddil tal-enerġija u l-ġenarazzjoni tal-elettriku fuq il-post**, tiddekarbonizza l-industrija, iż-żid **il-kapaċitā tal-ħżin jew l-idroġenu mhux fossili u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju** u żżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbi **u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi kollha identifikati fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbi, bi priorità adegwata għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi foqra fl-enerġija u vulnerabbi,**

#### Emenda 42

##### Proposta għal regolament

##### Anness I – paragrafu 1 – punt a

Regolament (UE) 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagrafu 2 – inċiż 2a

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

— *l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija li żżid il-produzzjoni u l-użu ta' bijometan sostenibbli biex jintlaħaq l-objettiv ta' produzzjoni ta' 35 bcm sal-2030.*

#### **Emenda 43**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Anness I – paragrafu 1 – punt a**

Regolament (UE) 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagraphu 2 – inċiż 3

*Test proposet mill-Kummissjoni*

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tindirizza l-konġestjonijiet fl-infrastruttura tal-enerġija, b'mod partikolari billi tibni konnessjonijiet transfruntieri ma' Stati Membri oħrajin, jew tappoġġa t-trasport b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji,

*Emenda*

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tindirizza l-konġestjonijiet fl-infrastruttura tal-enerġija, **kif deskrītt hawn isfel f'dan l-Anness**, b'mod partikolari billi tibni konnessjonijiet **u interkonnetturi** transfruntieri ma' Stati Membri oħrajin, jew tappoġġa t-trasport b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji, **jew**

#### **Emenda 44**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Anness I – paragrafu 1 – punt a**

Regolament (UE) 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagraphu 2 – inċiż 3a

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

— *l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija li t-implimenta bis-sħiħ il-qafas attwali tal-effiċjenza enerġetika permezz tal-bini tal-kapaċità u l-appoġġ finanzjarju, inklużi billi jittejbu l-għodod eżistenti tal-iffrankar tal-enerġija li digħà huma fis-sekk; jew*

## **Emenda 45**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness I – paragrafu 1 – punt a**

Regolament (UE) 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagrafu 2 – inċiż 3b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

— *l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija tinċentivizza miżuri tal-effiċjenza enerġetika billi tħallka appoġġ immirat għall-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" għad-deċiżjonijiet kollha ta' investiment inkluż fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, b'mod partikolari bini, inkluż fis-setturi tat-tisħin u tat-tkessiħ bil-għan ta' bidliet strutturali lejn tranżizzjoni enerġetika ġusta u ekonomikament aċċessibili;*

## **Emenda 46**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness I – paragrafu 1 – punt a**

Regolament (UE) 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagrafu 2 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

— *l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-appoġġ ta' rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn **ħillet ekoloġiċi, kif ukoll għall-appoġġ** lill-ktajjen tal-valur f'materjali u teknoloġiji essenzjali marbutin mat-tranżizzjoni **ekoloġika**,*

— *l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-appoġġ ta' rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn **it-tranżizzjoni enerġetika jew***

— *l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti hija mistennija li tappoġġa b'mod sinifikanti lill-ktajjen tal-valur f'materjali u teknoloġiji essenzjali marbutin mat-tranżizzjoni **enerġetika, billi twessa' l-użu ta' materjali u prodotti ta' kostruzzjoni sostenibbli u tnaqqas id-dipendenza fuq il-***

*materja prima kritika;*

### **Emenda 47**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Anness I – paragrafu 1 – punt a**

Regolament (UE) 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagrafu 2 – inċiż 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

— jekk il-miżuri u l-ispjegazzjoni, previsti fl-Artikolu 21c(1) humiex komplementari għal xulxin u jikkontribwux b'mod sinifikanti, flimkien mal-miżuri fl-Artikolu 21c(2)(a) u (b), biex tinkiseb id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni jew it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030."

#### *Emenda*

— jekk il-miżuri u l-ispjegazzjoni, previsti fl-Artikolu 21c(1) humiex komplementari għal xulxin u jikkontribwux b'mod sinifikanti, flimkien mal-miżuri fl-Artikolu 21c(2)(a) u (b), biex tinkiseb ***is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni kif ukoll*** id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni jew it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030."

### **Emenda 48**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Anness I – paragrafu 1 – punt a**

Regolament (UE) 2021/241

Anness V – taqsima 2 – punt 12 – subparagrafu 2 – inċiż 5a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

— *jekk il-miżuri jipprioritizzawx l-appoġġ għall-konsumaturi foqra fl-enerġija u vulnerabbi.*

### **Emenda 49**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Anness Ia**

Regolament (UE) 2021/241

Anness Va

**Dan l-Anness Va li ġej qiegħed fir-Regolament (KE) Nru 2021/241:**

**"Anness Va**

*Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet tal-infrastruttura tal-enerġija, u b'mod partikolari l-konġestjonijiet fl-infrastruttura tal-gass, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-lista indikattiva mhux eżawrjenti ta' proġetti li ġejja:*

***Ir-reġjun tal-Baħar Baltiku:***

- unità li żżomm f'wiċċe l-ilma għall-ħżin u għar-rigassifikazzjoni (FSRU) li tinvolvi l-Finlandja, l-Estonja u l-Latvja*
- it-tieni terminal tal-LNG fil-Polonja*

***L-Ewropa tal-Punent:***

- unità ta' deodorizzazzjoni li tippermetti l-flussei tal-gass mill-Punent għal-Lvant bejn Franza u l-Ġermanja*
- rinforzi tal-infrastruttura tal-gass biex tiżdied il-kapaċità tal-esportazzjoni mill-Belġju lejn il-Ġermanja*
- terminal addizzjonali tal-LNG fil-Ġermanja*
- proġett ta' infrastruttura transfruntiera lest għall-idroġenu fil-Penitola Iberika, in-Nofsinhar u l-Lvant tal-Ewropa*
- espansjoni tal-kapaċità tat-terminal tal-LNG f'Krk flimkien mat-titjib tal-grilja ta' trażmissjoni Kroata lejn is-Slovenja u l-Ungernja*
- titjib tat-TAP b'kapaċità ta' infrastruttura addizzjonali fil-grilja ta' trażmissjoni Taljana (Adriatica Line u Mattagiola)*
- espansjoni tal-Interkonnettur bejn il-Greċċa u l-Bulgarija (fażi II tal-IGB)."*



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Emenda tar-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u emenda tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814	
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0231 – C9-0183/2022 – 2022/0164(COD)	
<b>Kumitati responsabbi</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 6.6.2022	ECON 6.6.2022
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 6.6.2022	
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	15.9.2022	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Dan Nica 14.6.2022	
<b>Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.9.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	1.9.2022	
<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.10.2022	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	42 10 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrus Ansip, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Michael Bloss, Paolo Borchia, Cristian-Silviu Bușoi, Ignazio Corrao, Nicola Danti, Pilar del Castillo Vera, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Claudia Gamon, Nicolás González Casares, Christophe Grudler, Henrike Hahn, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Łukasz Kohut, Andrius Kubilius, Miapetra Kumpula-Natri, Iskra Mihaylova, Alin Mituța, Dan Nica, Angelika Niebler, Ville Niinistö, Mauri Pekkarinen, Tsvetelina Penkova, Markus Pieper, Clara Ponsatí Obiols, Manuela Ripa, Dominique Riquet, Sara Skyttedal, Riho Terras, Grzegorz Tobiszowski, Patrizia Toia, Marie Toussaint, Pernille Weiss	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Tiziana Beghin, Damian Boesselager, Franc Bogovič, Damien Carême, Jakop G. Dalunde, Elena Lizzi, Dominique Riquet, Angelika Winzig	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alessandra Basso, Rosanna Conte, Andrzej Halicki, Maria-Manuel Leitão-Marques, Colm Markey	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>42</b>	<b>+</b>
ECR	Grzegorz Tobiszowski
ID	Alessandra Basso, Paolo Borchia, Rosanna Conte, Elena Lizzi
PPE	François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Buşoi, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Andrzej Halicki, Andrius Kubilius, Colm Markey, Angelika Niebler, Markus Pieper, Sara Skyttdal, Riho Terras, Pernille Weiss, Angelika Winzig
RENEW	Andrus Ansip, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Valter Flego, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Alin Mituţa, Mauri Pekkarinen, Dominique Riquet
S&D	Biljana Borzan, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Nicolás González Casares, Romana Jerković, Lukasz Niicot, Miapetra Kumpula-Natri, Maria-Manuel Leitão-Marques, Dan Nica, Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia

<b>10</b>	<b>-</b>
NI	Tiziana Beghin
VERTS/ALE	Michael Bloss, Damian Boeselager, Damien Carême, Ignazio Corrao, Jakop G. Dalunde, Henrike Hahn, Ville Niinistö, Manuela Ripa, Marie Toussaint

<b>3</b>	<b>0</b>
NI	Clara Ponsatí Obiols
RENEW	Claudia Gamon, Iskra Mihaylova

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni